# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 16/2021 ISB**

**Terracore Limited (C 32227)**

**vs**

**TACA Insaat Ve Ticaret A.S., tramite fergħa Malta bin-numru OC1225, u b'digriet tas-6 t'April 2022 ST Hotels Ltd (C 78678) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*, u b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2023 Deha Turkel passaport Tork bin-numru U14817365 ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.**

**<u>SENTENZA IN PARTE DWAR L-EWWEL TALBA TAS-SOĊJETA' RIKORRENTI TERRACORE LIMITED (C 32227) KIF KONTENUTA FIR-</u>**

**RIKORS PROMOTUR TAGHHA INTAVOLAT FIT-22 TA' FRAR 2021 SABIEX JINĦATAR AMMINISTRATUR PROVIŻORJU**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Terracore Limited (C 32227)**, intavolat fit-22 ta' Frar 2021 u ghall-finijiet ta' din is-sentenza parzjali, tinnota illi permezz tal-ewwel talba tagħha talbet lil din il-Qorti:

> *"...taħtar amministratur provviżorju sabiex jamministra l-affarijiet f'Malta tas-soċjeta' intimata u dan taħt dawk id-disposizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li tagħti."*

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2021, il-partijiet qablu li l-Qorti tagħti provvediment parzjali fir-rigward ta' din l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur.

Rat il-provi u x-xhieda prodotti mill-partijiet fir-rigward tal-istess talba.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, il-partijiet trattaw l-istess talba.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ewwel talba kontenuta fir-**rikors promotur,** is-soċjeta' **Terracore Limited** talbet lil din il-Qorti taħtar amministratur proviżorju għas-soċjeta' intimata.

Tispjega li s-soċjeta' intimata hija allegatament waħda minn ħafna kredituri, elenkati fir-rikors promotur, li għandha s-soċjeta' intimata f'Malta, li l-ammonti pretiżi minnhom jammontaw għal madwar ħames miljun Ewro (€5,000,000). Tgħid li kemm is-soċjeta' rikorrenti nnfisha kif ukoll kredituri oħra ħadu miżuri kawtelatorji iżda ma ġiex iddepożitat xejn ħlief xi makkinjaru u somma ta' ċirka ħmistax-il elf Ewro (€15,000). Tgħid li minn riċerki li saru fir-Reġistru Pubbliku rriżulta li s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda proprjeta` immobbli f'Malta. Tispjega li hi m'għandhiex aċċess għall-kontijiet bankarji tas-soċjeta' intimata iżda jidher li abbandunat għal kollox il-preżenza tagħha f'Malta.

Tikkontendi li fiċ-ċirkostanzi huwa neċessarju li jiġi maħtur amministratur proviżorju b'urġenza sabiex dan jamministra hu l-affarijiet tas-soċjeta' intimata f'Malta u b'hekk id-diretturi jiġu żvestiti mill-poteri tagħhom u l-amministratur jamministra hu l-proċess tax-xoljiment. Issostni li huwa neċessarju wkoll li l-kotba u d-dokumenti tal-kumpanija intimata jiġu ppreservati sakemm il-Qorti tieħu deċiżjoni finali dwar ix-xoljiment.

Tgħid li bl-aġir tagħha s-soċjeta' intimata tradiet il-fiduċja ta' varji fornituri f'Malta billi fi sfond ta' djun kbar ħarbet mill-ġurisdizzjoni Maltija u qatgħet kull kuntatt u konsegwentament talbiet għall-ħlas baqgħu mhux imwieġba.

In sostenn ta' dan, hija ppreżentat numru ta' xhieda:

Fix-xhieda tagħha, **Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** tgħid li s-soċjeta' intimata TACA INSAAT VE TICARET AS ġiet reġistrata fis-27 ta' Settembru 2018 u l-fajl jikkontjeni biss il-*Memorandun & Articles of Association*. Tikkonferma li kontijiet u prospetti annwali qatt ma ġew sottomessi.

Fix-xhieda tiegħu **Etienne Scicluna in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili** ppreżenta lista ta' kawżi pendenti kontra s-soċjeta' intimata, lista ta' kawżi deċiżi kontra l-istess soċjeta' intimata u jikkonferma li ma kienx hemm appelli, lista ta' ittri uffiċjali fil-konfront tal-istess soċjeta' intimata u lista ta' Sekwestri kawtelatorji u Mandat ta' Qbid kawtelatorji li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Jgħid li saru żewġ ċedoli ta' depozitu, waħda fl-ammont ta' madwar ħmistax -il elf Ewro (€15,000) u oħra ta' tlett miljun u sitt mitt elf Ewro (€3,600,000). Jikkonferma li fit-tfittxija tiegħu ma rriżultawlux mandati eżekuttivi u subbasti.

Fix-xhieda tiegħu, **Tolga Akkurt** jgħid li hu azzjonist fis-soċjeta' intimata iżda mhux direttur minħabba li rriżenja minn dik il-kariga f'Mejju 2020. Jgħid li d-direttur illum huwa Mohamed Muftah Abdulahafith Ben Zablah li huwa d-direttur u l-president tal-kumpanija u li jabita fil-Libja u fit-Turkija u ilu jokkupa l-kariga minn Awwissu 2020. Mistoqsi jekk hux konxju ta' dawn id-diretturi jgħid li iva. Jgħid li hu qiegħed isegwi l-affarijiet ġewwa Malta minħabba li ġraw meta kien direttur. Mistoqsi jekk il-Bord jiltaqax b'mod regolari, jgħid li sas-sena 2020 kien jiltaqa` regolarment. Jgħid li l-kumpanija għandha sitt impjegati fil-preżent u ilha hekk għall-aħħar sentejn. Jispjega li l-kumpanija dejjem topera b'mhux aktar minn għaxar (10) impjegati u meta jkun hemm proġett jagħmlu użu minn *sub-contracting*. Mistoqsi jekk hemmx impjegati li xogħolhom huwa f'Malta jgħid li le iżda hemm impjegat li qiegħed isegwi l-proċeduri pendenti.

Jispjega li s-soċjeta' intimata intavolat proċeduri ta' *concordium* fit-Turkija fejn talbet protezzjoni mill-kredituri tagħha stante li kellha dejn ta' madwar tnax-il miljun Ewro (€12,000,000) li ġie mitlub f'salt. Jgħid li dan kien fis-seħħ għal ħames xhur, wara liema sar eżerċizzju minn awdituri u rriżulta li l-kumpanija fit-Turkija kellha iktar assi milli djun u għalhekk il-*concordium* ġie rilaxxat u issa l-kumpanija qiegħda fi stadju li tinnegozja mal-banek. Jgħid li l-Qorti fit-Turkija rrilaxxat lill-kumpanija u mhux iddikjaratha insolventi.

Mistoqsi dwar id-debiti kkonfermati li għandha l-kumpanija fil-fergħa tagħha f'Malta, jgħid li hemm debitu ta' żewġ miljun Ewro (€2,000,000) li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-Qorti u debitu ta' żewġ miljun Ewro (€2,000,000) skont ftehim ma' Attard Brothers. Mistoqsi jekk hemm kredituri oħra jgħid li ma jafx li hemm ħlief Neriku Catering li ser jippruvaw jaslu fi ftehim miegħu li kif ikun hemm il-finanzjament jitħallas.

Mistoqsi jekk hemmx djun mal-banek Maltin jgħid li hemm Euro Bond ta' sitt miljun Ewro mal-Bank of Valletta (€6,000,000) relatata mal-proġett ta' Malta City Centre. Mistoqsi kif il-kumpanija bi ħsiebha tħallas lill-kredituri Maltin, jgħid li minn flus li ġejjin minn kawżi u pendenzi oħra.

Mistoqsi jekk il-kumpanija għandhiex uffiċji f'Malta, jgħid li le għax m'għadhiex topera minn hawn Malta iżda x-xogħol kollu relatat ma' Malta isir minn ġewwa t-Turkija. Mistoqsi jekk hemmx flus fil-banek Maltin, jgħid li hemm miljun Ewro (€1,000,000) dovuti mid-Dipartiment tal-VAT, kif ukoll bejn tmien mitt elef Ewro u miljun Ewro (€800,000 - €1,000,000) fi stocks li jistgħu jinbiegħu faċilment.

Fit-**trattazzjoni** tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi li meta l-Qorti tiġi sabiex tiddeċiedi dwar il-ħatra ta' amministratur proviżorju, din hija deċiżjoni li ma tidħolx fil-mertu iżda hija sa ċertu punt *prima facie* u lanqas ma tidħol fil-mertu dwar tirriżultax insolvenza. Tgħid li ġialadarba din it-talba tintlaqa' ma jfissirx imbagħad li t-talba ta' stralċ ser necessarjament tintlaqa` wkoll.

Tenfasizza li hi kreditriċi tas-soċjeta' intimata f'ammont li hu ġudikat u filfatt anke s-soċjeta' intimata stess tikkonferma li għandha dak id-debitu u wegħdet li meta tiġbor il-flus li għandha tiġbor minn arbitraġġi pendenti ser tħallas. Madanakollu, is-soċjeta' rikorrenti tispjega li llum l-arbitraġġ ġie konkluż u s-soċjeta' intimata tilfet it-talbiet tagħha u għalhekk il-prospetti ta' ħlas huma dawk li huma. Tissottometti li kif jirriżulta mix-xhieda, il-

branka f'Malta, illum mmexxija minn xi ħadd li lanqas hemm indikazzjoni dwar fejn jista' jinsab u f'Malta lanqas għandha ufficcju iżda titmexxa minn *head quarters* li għandu ħames impjegati li jmexxu l-proġetti madwar id-dinja.

Tikkontendi li fir-rigward tal-assi tal-branka f'Malta, illum ħadd ma jaf fejnhom u x'inhuma u fil-fatt l-unika ħaġa li nqabdet bi proċeduri ġudizzjarji kien *scaffolding*. Tispjega li serħan tal-moħħ ta' governanza tajba m'hemmx u dan stante partikolarment li lanqas direttur ma min tikkomunika ma għandha. Tgħid li hi kreditriċi u li l-kreditu tagħha huwa kkonfermat iżda jeżistu numru ta' kredituri oħra fejn il-krediti għad iridu jiġu kkonfermati, kif jirriżulta mix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati. Tikkontendi għalhekk li ma hemm ebda serħan tal-moħħ li l-branka tal-kumpanija f'Malta qed titmexxa b'governanza tajba u ma ġabet l-ebda prova tal-istess governanza tajba.

Issostni li la darba lanqas hemm sottomissjonijiet annwali mar-Reġistratur tal-Kumpanniji, jkun iktar għaqli li jkun hemm persuna indipendenti li tista' tagħti lill-Qorti stampa ċara u fattwali dwar dak li eventwalment trid tiddeċiedi dwaru l-Qorti.

Is-**soċjeta' intervenuta fil-kawża** ingħaqdet mas-soċjeta' rikorrenti fit-talba tagħha għall-ħatra ta' amministratur proviżorju u ppreżentat xhud wieħed:

Fix-xhieda tiegħu, **Arthur Gauci** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur ma' Malta Health Care Caterers Limited. Jispjega li r-relazzjoni mas-soċjeta' intimata bdiet minn proġett ta' bini ma' kumpanija terza, imbagħad is-soċjeta' Malta Health Care Caterers Limited għażlet li taħdem mas-soċjeta' intimata għall-proġett ta' San Vinċenz. Jgħid li f'dak iż-żmien id-direttur kien Toca Tajar u llum huwa Libjan li qatt ma kellhom kuntatt miegħu. Jikkonferma li hemm proċeduri pendenti bejn Malta Health Care Caterers Limited u s-soċjeta' intimata quddiem l-International Court u l-ICC.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti estensivi ppreżentati mill-partijiet fir-rigward tal-proċeduri ta' *concordium* li s-soċjeta' intimata kellha fit-Turkija, kif ukoll ta' diversi mandati kawtelatorji li kellha fil-konfront tagħha f'Malta.

Fit-**trattazzjoni** tagħha, is-**soċjeta' intervenuta fil-kawża** tgħid li l-ewwelnett irid jiġi nnutat li l-indirizz li minnu kienet topera s-soċjeta' intimata f'Malta m'għadux jeżisti u jirriżulta li l-istess soċjeta' ma ppreżentat l-ebda dokument lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex wieħed jifhem l-affarijiet ta' din il-fergħa f'Malta. Tikkontendi li r-raġuni li teżiġi li jinħatar amministratur proviżorju hija d-djun inġenti li hemm. Issostni li d-dejn tagħha biss jeċċedi iż-żewġ miljun Ewro (€2,000,000) u jemerġi mix-xhieda li hemm djun oħra simili ma' kredituri oħra. Tgħid li minkejja li fix-xhieda tiegħu s-Sur Akkurt jgħid li hemm flus dovuti mid-dipartiment tal-VAT, l-istess dipartiment ma għamel l-ebda depożitu kemm -il darba ġie notifikat bil-mandati ta' sekwestru kawtelatorji. B'hekk amministratur proviżorju ikun jista' jiddetermina jekk hemmx xi flus li huma verament dovuti lis-soċjeta' intimata.

Tesprimi d-dubji tagħha fir-rigward tal-governanza tajba tal-kumpanija u dana stante n-nuqqas ta' sottomissjonijiet ta' dokumentazzjoni annwali kif ukoll in-nuqqas ta' laqgħat li jirriżulta mix-xhieda. Issostni li n-nuqqas ta' governanza tajba tirriżulta wkoll min-nuqqas ta' preżenza f'Malta.

Minn naħa tagħha is-**soċjeta' intimata** tgħid li l-affarijiet tas-soċjeta intimata f' Malta qeghdin jitmexxew b' governanza tajba u ma hemm l-ebda ħtieġa li jinħatar l-amministratur.

Fit-trattazzjoni tagħha, is-soċjeta' intimata tibda biex tfakkar li l-proċeduri odjerni jistgħu jikkonċernaw biss il-branka tal-kumpanija *de quo* f'Malta għax naturalment din il-Qorti m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni fuq il-kumpanija Torka. Tispjega li meta ġie terminat il-kuntratt t'appalt li kellha l-kumpanija Torka f'Malta, dan ġie terminat ħesrem u irriżulta f'numru ta' kredituri li riedu jitħallsu. Tikkontendi li l-branka f'Malta mxiet b'mod konsistenti u b'*buona fede* assoluta u ċioe` hemm numru ta' kawżi li ġew ammessi għax huma krediti u oħrajn li huma kkontestati u għadhom jiġu rappreżentati sallum. Naturalment, il-ġustizzja trid tieħu l-korsa tagħha. Tikkontendi li dwar dak li hu maqbud bil-Qorti ma għamlet xejn li b'xi mod jintralċja l-effetti ta' dak il-mandat li għadu effettiv.

Tgħid li s-sitwazzjoni fattwali għadha dak li kienet u għalhekk ma hemmx il-ħtieġa jew urġenza jew xi bdil sostanzjali li jimmerita intervent tal-Qorti f'dan l-istadju. Tikkontendi li jekk kemm -il darba l-Qorti tilqa' t-talba għall-ħatra ta' amministratur proviżorju, dan mhu ser jibdel xejn stante li l-kawżi

ser jibqgħu jitmexxew u dak li hu maqbud ser jibqa' maqbud. Issostni li hawn si tratta ta' realta` kummerċjali u mhux ta' xi ingann frawdolenti.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Il-Qorti tifhem li s-soċjeta' rikorrenti qegħda tibbaża t-talba tagħha fuq l-**Artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***228.*** *(1) Il-qorti tista' b'ordni taħtar amministratur provviżorju f'kull żmien wara li jkun ġie ppreżentat rikors għal stralċ u qabel ma tagħmel ordni għal stralċ, u jista' jkun maħtur jew l-uffiċjal riċevitur jew xi persuna oħra kompetenti.*
>
> *(2) L-amministratur provvizorju ghandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju tal-kumpannija kif il-qorti tista` tispecifika fl-ordni li jahtru.*
>
> *(3) L-amministratur provvizorju jibqa` jzomm dik il-kariga sa dak iz-zmien li jsir ordni ghal stralc jew ir-rikors ghal stralc ikun michud sakemm ma jirrizenjax qabel dak iz-zmien jew ma jitnehhiex mill-qorti jekk tintwera raguni xierqa.*

Il-Qorti tirreferi għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs the Golden Shepherd Group Limited** fid-decizjoni taghha tas-6 ta' Mejju 2020:

> *Mhuwiex l-iskop ta` provvediment bhal dak tal-lum illi taghmel konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kawza. Mhux sejra taghmel hekk anke ghaliex il-gbir tal-provi fil-mertu ghadu mhuwiex konkluz u wara li dak l-istadju jkun maghluq tkun trid tisma` jew taqra s-sottomissjonijiet tal-ahhar tal-partijiet u tal-intervenuti fil-kawza.*
>
> *Sabiex issir hatra ta` amministratur provvizorju mhux rikjest li l-qorti tqis ir-ragunijiet fil-mertu li jkun gab ir-rikorrent imma hija decizjoni tal-qorti li trid tkun dettata mill-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Hatra ta` din ix-xorta hija permessa fl-istadju ta` bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija u l-istadju fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba ghax-xoljiment u stralc. Mela l-fatt li qorti taghmel il-hatra m`ghandux jincidi fuq id-*

*decizjoni finali dwar it-talba; kif bil-maqlub, il-fatt li qorti ma taghmilx il-hatra jfisser li t-talbiet huma respinti.*

*Fl-istess waqt sa ma taghti decizjoni dwar l-istanza tar-rikorrenti, u allura pendente lite, il-Qorti jrid ikollha s-serhan tal-mohh li l-amministrazzjoni u l-gestjoni finanzjarja tal-affarijiet tas-socjeta` intimata tkun kondotta tajjeb u b`mod trasparenti. Il-funzjoni ewlenija ta` amministratur provizorju ghandha tkun illi jippreserva l-assi kontra r-riskju ta` sparpaljar jew ta` tnaqqis fil-valur b`azzjoni tad-diretturi.*

*-Ommiss-*

*Bil-hatra ta` amministratur provizorju jigi ppreservat l-istat attwali tal-kumpannija ntimata sabiex jekk jigu ppruvati r-ragunijiet tal-kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment, u l-Qorti taghmel ordni ta` stralc, il-kredituri kollha jitilqu lkoll mill-istess punt tat-tluq u kulhadd jiehu tieghu skont ix-xorta ta` l-kreditu ppruvat li jkollu. Ir-rwol u l-kompitu ta` amministratur provizorju mhuwiex dak ta` stralcjarju u ghalhekk huwa prekluz milli jiddisponi mill-assi.*

*Fattur rilevanti ghall-fini tal-prosediment odjern huwa l-htiega li bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` l-kumpannija u l-punt fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba, il-kondotta ta` l-affarijiet tal-kumpannija mis-sole director tkun hielsa minn ambigwita` sabiex il-qaghda tal-kumpannija la titgharraq u lanqas tkun ta` pregudizzju ghall-kredituri.*

*Il-htiega ta` kondotta tajba, effettiva u trasparenti mid-diretturi ssir imperattiva meta l-kumpannija jkollha biss asset wiehed li jkun irid jaghmel tajjeb ghall-claims tal-kredituri fl-eventwalita` li l-qorti tordna x-xoljiment u tahtar stralcjarju biex jikkonduci l-istralc. Fl-istadju tant sensittiv li jghaddi bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` l-kumpannija u l-punt fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba, il-kompitu tad-direttur jew tar-rapprezentant tal-kumpannija ghandu, jekk ikun il-kaz, li jiddefendi l-interess tal-kumpannija mit-talba ghad-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc, izda fl-istess waqt li ma jaghmel xejn li bih jippregudika l-valur tal-asset sakemm il-qorti tipprovdi finalment.*

Tirreferi wkoll għal dak li qalet hi stess fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Liberty International Aktiengesellschaft vs John's Group Limited** deċiża fl-14 ta' April 2023, fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> *Il-Qorti tosserva li s-soċjeta' intimata min-naħa tagħha bl-ebda mod (1) mhi tikkontesta l-kreditu dovut lis-soċjeta' rikorrenti, u (2) jirriżulta b'mod ċar li qed tagħmel l-għalmu tagħha sabiex tħallas dak li hu dovut mhux biss lis-soċjeta' rikorrenti iżda lill-kredituri kollha tagħha.*
>
> *Jirriżulta li meta mitlubha tippreżenta lista tal-assi immobli tagħha, s-soċjeta intimata għamlet dan bla eżitazzjoni. Lanqas m'uriet eżitazzjoni sabiex tiddikjara kemm u min huma l-kredituri tagħha. Mix-xhieda ta' Raymond Farrugia jirriżulta li mhux talli s-soċjeta' intimata m'għandhiex l-intenzjoni tiddisponi mill-propjeta` fil-mori ta' dawn il-proċeduri sabiex tevita li tħallas lill-kredituri iżda anzi qiegħda tinnegozja sabiex taċċerta ruħha li jitħallsu l-kredituri kollha tagħha u li l-krediti kollha jiġu saldati.*
>
> *La darba l-lista tal-propjeta immobli issa hija magħrufa bejn il-partijiet u la darba huwa ċar f'moħħ il-Qorti li s-soċjeta' rikorrenti għandha pjan f'postu sabiex jitħallsu l-kredituri tagħha kollha, din il-Qorti ma tarax għala għandha tintervjeni u saħansitra tħarbat il-pjan meta jidher li d-diretturi tas-soċjeta' intimata qed jaġixxu fl-aħjar interessi ta' dawk kollha ikkonċernati.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li għalkemm is-soċjeta' intimata kkonfermat il-kreditu tas-soċjeta' rikorrenti, kif ukoll ta' numru ta' kredituri oħra, għad hemm debiti li qeghdin jiġu minnha kkontestati. Oltre` minn hekk, is-soċjeta' intimata m'uriet bl-ebda mod li għandha pjan dwar kif ser tħallas lill-kredituri tagħha. L-unika referenzi li saru għal kif is-soċjeta' intimata ser tħallas lill-kredituri tagħha kienu għal somma flus li kienet il-mertu t'arbitraġġ, li skont is-soċjeta' rikorrenti kellu eżitu negattiv u għal somma flus dovuta mid-Dipartiment tal-VAT, iżda jirriżulta li s-soċjeta' intimata ma ressqet ebda prova f'dan is-sens.

Jirriżulta wkoll li s-soċjeta' intimata lanqas ma ssottomettiet id-dokumentazzjoni rikjesta bil-liġi lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, fatt li ma ġie kontradett bl-ebda mod mis-soċjeta' intimata. Il-Qorti tosserva li l-unika bażi li qed tipprovdi s-soċjeta' intimata sabiex tirribatti l-ħatra ta' amministratur proviżorju hija l-kelma tagħha li l-kumpanija mmexxija

b'governanza tajba – asserzjoni li ma ġiet bl-ebda mod pruvata quddiem din il-Qorti u ghalhekk il-Qorti ma hix komda tistrieh biss fuq dik il-kelma, fl-isfond tar-rizultanzi kollha kif hawn fuq sollevat.

Il-Qorti tqis ukoll id-digriet taghha tas-16 ta' Novembru 2021 moghti ai termini tal-Artikolu 220 tal-KAP 386, u in linea mal-hsieb gja hemmek espress, (vide paragrafu c a fol 4) tqis illi jkun opportun illi jsir dak kollu possibbli sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba tal-kumpannija u jkunu ppreservati kwalsiasi assi illi l-kumpannija jista' jkollha.

Din il-Qorti tqis li l-partijiet kollha, kif ukoll il-Qorti nnifisha jkunu f'posizzjoni aħjar jekk kemm-il darba jiġi maħtur amministratur provviżorju indipendenti sabiex jistabilixxi x'assi u x'debiti għandha l-kumpanija intimata sabiex f'dan l-istadju jiġu ppreżervati u mhux sparpaljati. Dan partikolarment in vista tal-fatt li l-kumpanija m'għandhiex preżenza f'Malta. Madanakollu, la darba s-soċjeta' intimata tinsisti li għandha kontroll fuq il-proċeduri legali li għandha pendenti, jkun aħjar jekk kemm-il darba d-diretturi tagħha jibqgħu fil-kariga tagħhom, anke biex jipprovdu l-għajnuna meħtieġa lill-amministratur provviżorju.

**Tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi allura, il-Qorti tara l-bżonn li tagħti provvediment favorevoli in linea ma` dak li jgħid l-Art 228 tal-Kap 386 anke għaliex il-ħatra m`għandux ikollha effett negattiv fuq l-operat tal-kumpannija, u dana in vista tal-fatt li kif ikkonfermat mis-soċjeta' intimata nnifisha, il-kumpanija mhix qed topera f'Malta, għajr biex issegwi l-proċeduri legali li għandha pendenti.**

**GHALDAQSTANT,** għar-ragunijiet kollha premessi, u bl-applikazzjoni tal-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qegħda tipprovdi kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u **tahtar** b`effett mill-lum lir-Ricevitur Ufficjali bħala amministratur provviżorju tal-kumpanija intimata sabiex tamministra l-affarijiet tal-kumpanija intimata fit-termini hawnekk decizi.

2. **Tiddikjara** li f`dan l-istadju d-direttur tal-kumpanija intimata għandu jibqa` jżomm is-setgħat kollha tieghu u ghalhekk jibqa' esklussivament hu responsabbli statutorjament u skond il-ligi ma' kwalisasi awtorita' jew entita', kemm fiskali u kif ukoll amministrattiva.

3. **Tiddikjara** li għalkemm f`dan l-istadju d-direttur attwali se jibqa` jżomm is-setgħat tiegħu ta` direttur, b`effett mil-lum, f`kull att li jagħmel għan-

nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` intimata, dan għandu dejjem jagixxi fimkien mal-*amministratur* maħtura llum, li min-naha taghha ghandha tirrapporta lill-Qorti fl-atti ta' dawn l-odjerni proceduri jekk jidhrilha illi xi azzjoni mehuda jew li tkun ser tittiehed mid-direttur tista' tippregudika dak li l-Qorti trid tipprezerva f'dan l-istadju. Jekk id-direttur tas-soċjeta' intimata jkun inadempjenti f`dan l-obbligu li qegħda timponi fuqu din is-sentenza, qed jigi minn issa rizervat illi kull att li jagħmel bi vjolazzjoni ta` dan l-obbligu jigi dikjarat null u bla effett.

4. **Tordna** lis-socjeta' intimata sabiex tipprovdi kull informazzjoni li l-amministratur tista' titlob minghandha, u tassikura illi taghti kull struzzjoni necessarja lid-direttur taghha sabiex jipprovdi kull informazzjoni li l-amministratur tista' tkun tinhtieg, taht piena ta' provvedimenti ulterjuri jekk jigi rapportat lil din il-Qorti illi l-kumpannija intimata mhix tottempera ruha.

5. **Tordna** n-notifika ta' din is-sentenza parzjali lir-Ricevitur Ufficjali mill-aktar fis a spejjes tar-Registratur tal-Qrati.

6. **Tordna** li l-ispejjez relattivi ghall-amministratur provvisorju jithallsu mis-socjeta` intimata.

7. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawza sabiex jigi trattat u deciz il-mertu.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**